DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2009

li taħtar lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd bħala l-korp li jwettaq ċerti kompiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 10155)

(2009/988/UE)

IL-KUMMISJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3), 20(4), 25(2), 48(4), 48(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 11(3), 20(4), 25(2), 48(4), 48(5) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni taħtar korp għall-għanijiet stabbiliti f'dawn l-Artikoli.

(2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 [2] tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd, il-missjonijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) huma, fost l-ohrajn, li tikkoordina l-operazzjonijiet għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea.

(3) Għalhekk is-CFCA għandha tinħatar bħala l-korp imsemmi fl-Artikoli 11(3), 20(4), 25(2), 48(4), 48(5) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (is-CFCA) għandha tkun il-korp maħtur biex:

(a) tittrażmetti notifiki, b'kopja lill-Kummissjoni, dwar ċaħdiet ta' awtorizzazzjonijiet ta' ħatt l-art jew ta' trażbord minn bastimenti ta' pajjiżi terzi lil Stati(i) tal-bandiera u, jekk xieraq, kopji ta' dawn in-notifiki lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(b) fuq talba tal-Kummissjoni, tipprovdi għat-twettiq ta' verifiki fuq il-post, weħdiha jew b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, biex tivverifika l-implimentazzjoni effettiva ta' arranġamenti maqbula ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 20(4), it-tieni suparagrafu (c) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(c) tikkomunika lill-Istati Membri u lill-Istati tal-bandiera, b'kopja lill-Kummissjoni, informazzjoni addizzjonali mressqa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni li hija rilevanti għall-istabbiliment tal-lista tal-Unjoni Ewropea ta' bastimenti IUU skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(d) tittrażmetti rapporti ta' lemħ lill-Istati Membri kollha, b'kopja lill-Kummissjoni, u, jekk xieraq, lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd rilevanti skont l-Artikolu 48(4) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(e) tittrażmetti lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, b'kopja lill-Kummissjoni, informazzjoni minn Stat Membru b'reazzjoni għal rapport ta' lemħ dwar wieħed mill-bastimenti tagħha minn parti kontraenti għal dik l-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, skont l-Artikolu 48(5) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.
[2] ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.